## Il-mużika fil-festa Maltija (V):

# Il-marċ sinfoniku [it-tielet parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fl-artiklu tad-darba l-oħra kont laqqajtkom max-xogħlijiet tas-surmastrijiet Willie Attard, Carmelo Pace u Ġużeppi Abela Scolare, bi ftit marċi sinfoniċi kull wieħed. F'dit-tielet u l-aħħar parti ta' dal-artiklu se nkun qed inlaqqagħkom m'oħrajn tas-surmastrijiet Anġlu Pullicino u Anġlu Pace (bit-tnejn jinzertaw bl-istess isem), Joseph Darmanin u Anton Sammut. Bla dubju, ix-xogħlijiet li jiena ġbart f'dal-artiklu fi tliet taqsimiet huma biss il-ftit mill-ħafna marċi sinfoniċi li jinsabu mxerrdin fl-arkivji tal-baned tagħna.



Mro Angelo Pullicino



Mro Carmelo Pace



Mro Joseph Darmanin

**Mro Angelo Pullicino**

Fir-repertorju bandistiku tas-surmast Anġlu Pullicino (1904-1970) insibu tal-anqas tliet marċi sinfoniċi: *Idillio d'Amore* (*Independence Day* [1964]), *Onde d'Argento* u *Tramonto Incantevole*.

Mro Anġlu Pullicino twieled f'Birkirkara u tgħallem il-mużika mingħand is-surmastrijiet Vincenzo Costa, li kien surġent mal-banda tal-R.M.A. u l-Furjaniż Giuseppe Abdilla (1886-1944), kuntrapuntist magħruf. Għal xi żmien kien assistent ta' Costa u kien jgħallem ir-ramm (speċjalment l-ewfonju) lill-istudenti żgħar fil-każin 'Tal-Bagri'. Meta l-familja ta' Pullicino ġarret u marret toqgħod San Ġiljan, in-Naduri Dun Pawl Galea (1899-1970) sejjaħlu biex iwaqqaf il-banda tad-Domus, li aktar tard saret dik ta' 'San Ġiljan'.

Pullicino kien ukoll assistent-surmast tal-banda tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, u taż-żewġ baned Qriema. Waqqaf ukoll banda fil-Għargħur u oħra fl-Imsieraħ (illum San Ġwann) li, iżda, it-tnejn sfaxxaw f'qasir żmien. Għal xi żmien qasir kien ukoll surmast tal-banda Slimiża 'Stella Maris'. Għandu tiegħu għadd kbir ħafna ta' marċi brijużi, kif ukoll inni-marċi, innijiet popolari, xi żewġ marċi funebri u ftit mużika sagra peress li għal xi żmien qasir kien għamilha ta' *maestro di cappella* tal-knisja l-qadima. Kien beda jaħdem ukoll fuq innu kbir f'ġieħ San Ġiljan bla ma laħaq lestieh.

Fl-1970, wara servizz ta' 'l fuq minn 40 sena, iddimetta minn surmast tal-banda Ġiljaniża. Miet lejlet il-festa tal-Indipendenza.

Il-marċi sinfoniċi *Onde d'Argento* u *Idillio d'Amore* – li mbagħad aktar tard sar jismu *Independence Day* – ġew esegwiti għall-ewwel darba mill-banda Ġiljaniża l-antika waqt programm li ttella' f'misraħ Spinola s-Sibt, 29 t'Awwissu 1936, taħt id-direzzjoni ta' Pullicino bħala surmast-direttur. Flimkien ma' daż-żewġ xogħlijiet indaqqew biċċtejn xogħol oħra ta' kompożituri magħrufin Taljani, kif ukoll wieħed tas-surmast Mosti Ġanni Vella (1890-1955).

Bħala terminu letterarju, il-kelma 'idillju' għandha żewġ tifsiriet: (1) biċċa poeżija jew proża qasira li tiddeskrivi xena jew ġrajja ta' paċi mnebbħa mill-ħajja ħiemda u sielma qalb ir-raba', (2) xena jew ġrajja sempliċi ta' paċi/kwiet. Fi kliem ieħor, kitba simili, sew jekk f'versi jew fi proża, tippreżenta sentimenti jew ġrajja mimlija sempliċità, innoċenza u hena. U, fil-każ tagħna, l-idillju jikkonsisti f'biċċa mużika fil-forma ta' marċ sinfoniku li jepitomizza s-sbuħija tal-imħabba.

Pullicino kien baqa' ġuvni, u kull darba li kien jiġi mistoqsi jekk għandux xi waħda, ir-risposta tiegħu dejjem kienet tkun li għarustu kienet il-mużika. Xogħol ieħor mużikali li fih tidħol dil-kelma hija l-poema sinfonika *Idillio di Sigrido* għal orkestra *da camera* ta' Richard Wagner (1813-1883) li huwa kiteb bħala rigal lit-tieni mara tiegħu Cosima f'għeluq sninha wara li tweldilhom iben bl-isem ta' Siegfried fl-1869. Ix-xogħol jesprimi l-ħlewwa bla qies tal-imħabba paternali u s-sliema bla ħjiena tal-ħajja infantili, li madwarhom idur il-ħolm profetiku ta' ġejjieni hieni u mimli ferħ.

Aktar tard dal-istess marċ sinfoniku kien sar jismu *Independence Day* u ndaqq mill-ġdid waqt il-festi nazzjonali ta' Malta Indipendenti tal-1964. Skont Pullicino, minn intervista li kienet saritlu minn Dun Ġiljan Cassar[1], il-kunċert li fih indaqq dax-xogħol kien wieħed mill-akbar programmi li l-banda 'San Ġiljan' qatt għamlet fuq il-palk tal-*King's Own*: 'Tant daqqejna tajjeb li kulħadd xtaq li ma spiċċajna qatt. Wara kienu tawna ċertifikat ta' awgurju u prosit kbir lill-banda kollha.'

Il-marċ sinfoniku l-ieħor *Onde d'Argento* ukoll qabel kien jismu *Ospitalier*. Dan nafuh mill-parti tal-*Clarino Solo* fejn jidher biċ-ċar li Pullicino ried ibiddel l-isem oriġinali ta' dax-xogħol billi barax bix-xafra t-tlitt ittri ta' wara l-'O' u minflokhom daħħal tlieta oħrajn biex ifforma l-kelma '*Onde*', imma meta ġie biex ineħħi l-bqija tal-kelma, minflok kiteb 'd'Argento' bil-lapes fuqha. M'hemmx dubju, iżda, li Pullicino kellu ħafna għal qalbu 'l San Ġiljan, tant li, kull darba li kien jiġi biex jagħti isem ġdid lix-xogħol li jkun għadu kif wettaq, l-ewwel ħsieb li kien jiġih f'rasu kien ikun dejjem b'rabta ma' dal-qaddis. X'kien li ġegħlu jbiddel l-isem wieħed ma jistax jgħid, iżda jista' jagħti l-każ li dan għamlu bl-għan li jiġi esegwit fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-banda fl-1952 fejn soltu jiġi ċċelebrat il-ġublew tal-fidda.

Xogħol ieħor minn ta' Pullicino huwa l-marċ sinfoniku *Tramonto Incantevole* ("Seħer inżul ix-xemx") li bħala titlu ma setax jagħtih wieħed isbaħ minnu, xi ħaġa li sikwit kien jesperjenzaha meta jinżel jgħum f'xi waħda mill-bajjiet li bihom hu mdawwar ir-raħal marittmu ta' San Ġiljan. Naturalment, fi żmien Pullicino dil-bajja kienet għerja minn dak il-bini modern kollu li donnu jrid joħnoqha.

**Mro Joseph Darmanin**

Mro Joseph Darmanin (1918-2006) ukoll tana tliet marċi sinfoniċi. *Aroma* (1951) indaqq għall-ewwel darba mill-banda Slimiża lejlet il-festa ta' Stella Maris. Skont Herbert Naudi[2]

1 'Il-Banda: kif jiftakruha dawk li jafuha mill-qrib' (Ktieb ta' tifkira f'għeluq il-50 sena mill-Banda San Ġiljan [1927-77]).

2 Banda Stella Maris 100 sena ta' storja (2014)

ikompli f'paġna 26

# Il-marċ sinfoniku

● ikompli minn paġna 16

dal-marċ sinfoniku ndaqq kemm-il darba mill-baned minħabba s-suċċess miksub. Tiegħu għandna wkoll *Richard I* (1959) u *The Masterpiece*.

Mro Giuseppe Darmanin twieled il-Belt Valletta minn Antonio, imwieled Korfù, u Emanuela Gruppetta. L-ewwel taħriġ mużikali ħadu mingħand missieru stess li kien surmast tal-banda *Stella Maris* [1929-38]. Fl-1935 ingħaqad mar-reġiment tar-*Royal Engineers* u mbagħad mar-*Royal Malta Artillery*. Wara l-gwerra kompla jistudja l-mużika.

Kien surmast ta' tliet baned sa ma fl-1964 emigra b'familtu lejn l-Awstralja. Hemmhekk hu waqqaf *The Our Lady Queen of Peace Parish Band* fi Graystanes, f'Sydney (1976). Idderieġa wkoll il-Banda Nazzjonali ta' Malta fir-*Radio City Opera House*, il-Ħamrun, f'aktar minn okkażjoni waħda. Fost il-ħafna bċejjeċ mużikali li huwa kiteb għall-baned imsemmija nsibu l-*Grand Prelude in Bb Major* u l-*Innu l-Kbir lill-Madonna tal-Ġilju*, it-tnejn miktubin fl-1949.

**Mro Anton Sammut u Mro Angelo Pace**

Nagħlaq dit-tielet u l-aħħar parti ta' dal-artiklu li jittratta l-marċi sinfoniċi mill-pinna ta' surmastrijiet Maltin billi nsemmi *Happy Tidings* ta' Mro Anton Sammut (1921-1991) minn Birkirkara. Kien professur tal-kurunetta, surmast tal-armonija, direttur u kompożitur.[3] Kien surmast tal-banda Lijana u l-*Imperial* tal-Mellieħa.

Il-Gudjan Mro Angelo Pace (1920-2003) ukoll insibulu xejn anqas minn għaxar biċċiet mużikali. Grech[4] isemmi tnejn: *Lil Din l-Art Ħelwa* u Żgħażagħ Bravi, bla ma jispeċifika jekk dawn humiex marċi sinfoniċi jew *overtures*. Pace kien organista u *maestro di cappella* fil-knisja parrokkjali tal-Gudja, assistent-direttur u surmast-direttur ta' għadd ta' baned, fosthom *La Stella* tal-Gudja, u kompożitur ta' mużika sagra u dik profana. Kittieb ukoll ta' novelli u poeżiji.

---

3 Mifsud Bonnici, Robert: 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum' (Giov. Muscat, 1951)

4 Grech, Grazio Anton: 'Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin u Barranin (Għawdex, 2006)